MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 969/2010

**Joseph Mamo ( ID Nru 596146 (M)) fil-kwalita` tieghu ta' amministratur tal-blokk t'appartamenti bin-numru 183, Rudolph Street, Sliema**

**vs**

**Fiorentina Darmenia Jochimsen**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-27 ta' Settembru, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti nomine sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi hu l-amministratur tal-blokk numru 183, Triq Rudolfu, tas-Sliema, filwaqt li l-intimata hi l-proprjetarja tal-appartament numru 2 tal-istess blokk;

2. Illi jirrizulta li l-intimata tixtieq teffettwa xi alterazzjonijiet fil-faccata tal-blokk de quo u otteniet il-permess mill-MEPA ghal dan fid-9 t'Awwissu, 2010;

3. Illi tali alterazzjonijiet jirrikjedu l-kunsens unanimu tal-*condomini*, liema kunsens ma giex ottenut mill-intimata;

Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti nomine jitlob lil din il-qorti biex:

1. Tiddikjara li l-intimata m'ghandhiex dritt taghmel l-imsemmija alterazzjonijiet li jolqtu l-faccata tal-blokk t'appartamenti in dizamina stante li m'ottjenietx il-kunsens unanimu dovut;

2. Tinibixxii b'mod permanenti lill-intimata milli teffettwa tali alterazzjonijiet li jolqtu l-faccata tal-blokk de quo;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat riferit fl-istess rikors promotur kontra l-intimata;

Rat id-dokumenti esebiti mill-istess rikorrenti nomine;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata datata l-15 ta' Novembru, 2010, li permezz taghha wiegbet in sintesi s-segwenti:

1. Illi din il-qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma' u tiddeciedi l-kaz odjern;

2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi di piu`, l-istess talbiet huma frivoli u vessatorji;

Rat ukoll id-dokumenti minnha hemmipprezentati;

Rat il-verbal datat l-24 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu il-provi gew limitati ghall-ewwel risposta tal-intimata, (ara fol 36);

Rat in-nota tal-intimata datata l-10 ta' Dicembru, 2010, li permezz taghha ddikjarat li ghalqet il-provi taghha, (ara fol 37), liema dikjarazzjoni giet debitament rikonoxxuta mill-qorti diversament preseduta fil-verbal taghha datat l-24 ta' Frar, 2011;

Semghet ix-xhud prodotta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti nomine datata t-22 ta' Novembru, 2011, li permezz taghha ddikjara wkoll li ma kellux provi ohra x'jipproduci rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata;

Rat id-dokumenti kollha l-ohra;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-istadju din il-procedura hi limitata ghar-rizoluzzjoni ta' l-ewwel risposta, dik ta' natura preliminari, sollevata mill-intimata, senjatament il-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din il-qorti biex tisma' u tiddeciedi l-vertenza odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti t-talbiet tar-rikorrenti nomine huma naxxenti minn zewg ghejun separati, senjatament:

1. Decizjoni tal-awtorita` kompetenti li ghandu jirrizulta pacifiku li kienet erronea fid-decizjoni taghha stante li awtorizzat it-tibdil strutturali mitlub meta ma jirrizultax li kien hemm l-unanimita` rikjesta fir-rigward; u

2. Decizjoni tal-qorti rigward it-talba ghall-inibizzjoni tal-intimata milli tipprocedi bix-xoghlijiet strutturali li ghalihom issa giet munita bil-permess relattiv;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk, il-vertenza odjerna mhix dipendenti mill-ligi relattiva ghall-arbitragg senjatament ghaliex l-istess rikorrenti nomine mhux qed jippernja t-talba tieghu fuq l-istess:

Illi dak in dizamina hu differenti senjatament:

1. Jekk id-decizjoni erronea t'awtorita` kompetenti xorta tghaddi d-drittijiet hemm mghoddija; u
2. Jekk decizjoni ta' natura temporanea ghandhiex tinbidel f'wahda permanenti;

Ghaldaqstant, stante li l-vertenza odjerna ma tiddependix mill-Kap 387, din il-qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata, u tordna l-prosegwiment tal-kawza;

Tirriseva li tipprovdi dwar id-differiment li jmiss ghall-kontinwazzjoni tal-kawza seduta stante, wara li tisma' lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------